1983.	Anar MADATLI		Anar Madatli kien azzjonist u direttur f'2Rivers Group, kumpanija ta' negozju fiż-żejt ibbażata fl-Emirati Għarab Magħquda li qabel kienet magħrufa bħala 'Coral Energy'. 2Rivers Group jiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt Rosneft proprjetà tal-istat, billi jaħbi l-oriġini reali taż-żejt.. B'mod partikolari 2Rivers Group jikkontrolla proporzjon kbir tal-bastimenti fl-hekk imsejħa 'flotta mistura' tar-Russja. 2Rivers Group għadu jopera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix, kif jidher mill-konnessjoni bejn is-sid preċedenti u l-maniġment il-ġdid. 2Rivers Group għadu jwettaq l-attività tiegħu taħt l-isem Safira. Barra minn hekk is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk Anar Madatli qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Huwa involut ukoll f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.12.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1984.	Talat SAFAROV	Nazzjonalità:Ażerbajġana Sess: raġel Indirizz: 301 JBC 4, Jumeriah Lake Towers Dubai, UAE; 336 Smith Street #04-304, New Bridge Centre Singapore 050336; 409 Platinum Tower, Jumeirah Lake Towers, Dubai United Arab Emirates Individwi assoċjati: Ahmed Kerimov; Anar Madatli Entitajiet assoċjati: 2Rivers PTE LTD; 2Rivers FZCO Indirizz elettroniku: talat.safarov@coralenergy.ch	Talat Safarov kien azzjonist u kellu pożizzjoni maniġerjali (Uffiċjal Kap Eżekuttiv) f'2Rivers Group, grupp ta' negozju fiż-żejt ibbażat fl-Emirati Għarab Magħquda li qabel kien magħruf bħala 'Coral Energy', li jiffaċilita l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari mill-kumpanija taż-żejt Rosneft proprjetà tal-istat, billi jaħbi l-oriġini reali taż-żejt. 2Rivers Group għadu jopera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix, kif jidher mill-konnessjoni bejn is-sid preċedenti u l-maniġment il-ġdid. 2Rivers Group għadu jwettaq l-attività tiegħu taħt l-isem Safira. Barra minn hekk is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk Talat Safarov qed ifixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Huwa involut ukoll f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.12.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1991.	Alimzhan Kuantaevich BEKOV bir-Russu: Алимжан Куантаевич БЕКОВ	Funzjoni: Fundatur u Direttur ta' LLP 'United Trading Group'; Rappreżentant ta' UrSeCo Handels GmbH & Co. KG Sess: raġel	Alimzhan Bekov huwa l-fundatur u d-Direttur ta' LLP 'United Trading Group', kumpanija b'sede fil-Każakistan. Huwa wkoll rappreżentant ta' UrSeCo Handels GmbH & Co. KG. Il-kumpanija Ġermaniża UrSeCo Handels GmbH & Co. KG, qed tforni klorur tal-idroġenu (HCl) ta' purità għolja prodott minn Wacker Chemie AG – sustanza kimika kritika għall-ipproċessar ta' wafers semikondutturi – lil LLP 'United Trading Group' (il-Każakistan). 'United Trading Group' imbagħad tforni HCl lill-kumpaniji Russi LLC 'Siltron' u Electronsnab. Il-katina ta' provvista tgħaddi mill-Polonja, it-Turkija u l-Każakistan. LLC 'Siltron' għandha konnessjonijiet diretti ma' UrSeCo Handels billi wieħed mis-sħab f'UrSeCo huwa missier l-azzjonist maġġoritarju ta' LLC 'Siltron'. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 833/2014, huwa pprojbit għal operaturi tal-Unjoni li jesportaw l-HCl lil entità fir-Russja. Għalhekk Alimzhan Bekov qed jiffaċilita l-ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014 u tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK.	23.4.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2161/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2016.	Svetlana Vladimirovna DMITROVA magħrufa wkoll bħala Svetlana Volodymyrovna DMITROVA bir-Russu: Светлана Владимировна ДМИТРОВА magħrufa wkoll bħala Светлана Володимировна ДМИТРОВА	Funzjoni: Kap tad-Department of Education of the Administration of Simferopol District Nazzjonalità: Russa Sess: mara Data tat-twelid: 6.1.1968 Identifikazzjoni tat-Taxxa: 910913280990	Svetlana Dmitrova ilha mill-inqas mill-2017 il-Kap tal-hekk imsejjaħ 'Department of Education of the Administration of Simferopol District' fil-Krimea okkupata. F'din il-kapaċità, hija tippromwovi b'mod attiv 'edukazzjoni militari-patrijottika' għall-minorenni fid-distrett ta' Simferopol, bil-għan li trawwem il-lealtà lejn il-Federazzjoni Russa. Hija responsabbli li implimentat il-programm 'Youth of the Simferopol District' li għandu l-għan li jintegra lill-istudenti fi spazju għalkollox Russu. Barra minn hekk hija tappoġġa u tipparteċipa f'avvenimenti li jiggloriikaw l-armata Russa u theġġeġ l-involviment taż-żgħażagħ fis-servizz militari fil-futur. Taħt it-tmexxija tagħha, id-dipartiment tagħha kkoopera ma' organizzazzjonijiet bħal UNARMIA, Volunteers of Victory, the Movement of the First, u DOSAAF. Taħt id-direzzjoni tagħha, infetħu mill-inqas 36 klassi tal-kadetti fi skejjel distrettwali biex jippromwovu s-servizz fil-forzi armati u l-korpi tal-infurzar tal-liġi Russi. Hija ffaċilitat ukoll il-ħruġ ta' passaporti Russi liż-żgħażagħ lokali u appoġġat avvenimenti li jiċċelebraw l-annessjoni tal-Krimea. Għalhekk Svetlana Dmitrova qed tappoġġa u timplimenta azzjonijiet u politiki li jikkontribwixxu għall-assimilazzjoni furzata, inkluż l-indottrinazzjoni, u l-edukazzjoni militarizzata ta' minorenni Ukreni.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2023.	Aleksandr Yuryevich CHAYKO magħruf ukoll bħala Alexander Yuryevich CHAIKO bir-Russu: Александр Юрьевич ЧАЙКО	Funzjoni: Kurunell Ġeneral; Kap Kmandant ta' Russian Aerospace Forces; eks kap ta' Armed Forces Group in Syria; eks Kmandant ta' Eastern Military District Data tat-twelid: 27.7.1971 Post tat-twelid: Golitsyno, Moscow Oblast, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 503009120703	Alexandr Chayko, Kap Kmandant ta' Russian Aerospace Forces, huwa l-eks kap ta' Armed Forces Group in Syria u l-eks Kmandant ta' Eastern Military District. Huwa kien l-aktar uffiċjal militari għoli Russu fuq il-post fl-Ukrajna fil-bidu tal-invażjoni tar-Russja fuq skala sħiħa. Alexandr Chayko kien il-Kmandant kap fl-Ukrajna meta t-truppi Russi daħlu Bucha. L-atroċitajiet f'Bucha jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Alexandr Chayko ngħata t-titolu ta' 'Eroj tal-Federazzjoni Russa' fl-2020. Għalhekk Alexandr Chayko qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.3.2026

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2161/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
2026.	Sergey Viktorovich CHUBARYKIN bir-Russu: Сергей Викторович ЧУБАРЫКИН	Funzjoni: Maġġur Ġeneral; Viċi Kmandant ta' Airborne Forces of the Russian Federation Data tat-twelid: 25.8.1980 Post tat-twelid: Ryazan, RSFSR, USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Passaport: serje 6102 Nru 632261, maħruġ fis-16.10.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 231523648681	Il-Maġġur Ġeneral Sergey Chubarykin, Viċi Kmandant tal-Airborne Forces of the Russian Federation, kien il-Kmandant tas-76th Guards Air Assault Division, li t-truppi tiegħu wettqu l-biċċa l-kbira tal-atroċitajiet dokumentati f'Bucha inkluż eżekuzzjonijiet, tortura u serq. Dawk l-atroċitajiet f'Bucha jikkostitwixxu delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra. Is-76th Guards Air Assault Division kienet fuq quddiem nett fl-invażjoni fuq skala sħiha tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, b'elementi differenti tad-diviżjoni rrappurtati bħala involuti fil-ġlied fit-Tramuntana ta' Kyiv, fl-Oblast ta' Kharkiv qrib il-belt ta' Izyum u fl-Oblast ta' Luhansk fil-Lvant, madwar Popasna. Għalhekk Sergey Chubarykin qed jappoġġa azzjonijiet u politiki li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, jew l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	16.3.2026";

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“83.	Joint Stock Company ‘State Transport Leasing Company’ magħrufa wkoll bħala JSC GTLK magħrufa wkoll bħala State Transport Leasing Company bir-Russu: Акционерное общество ‘Государственная Транспортная Лизинговая Компания’	Indirizz: 31a Leningradsky Avenue, bldg. #1, Moscow 125284, Russian Federation Indirizz legali: 73 Respublika St., Suite 100, Salekhard, Yamalo-Nenets Autonomous Area, 629008, Russian Federation Tip ta’ entità: kumpanija tat-trasport Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 19.11.2001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739407189 Entitajiet assoċjati: GTLK Europe, GTLK Asia, GTLK Middle East Tel: (495) 221-00-12 8-800-200-12-99 Indirizz elettroniku: gtlk@gtlk.ru Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7720261827 Numru tal-OMI: 5213962	JSC GTLK hija intrapriża tal-istat Russu ssorveljata mill-Ministeru għat-Trasport Russu. GTLK topera fit-trasport bl-ajru, bil-baħar u bil-ferrovija, fit-trasport tal-passiġġieri, fil-qasam ta’ vetturi u tagħmir speċjali għal kumpaniji domestiċi fl-industrija tat-trasport, u twettaq attivitajiet ta’ investiment biex tiżviluppa l-infrastruttura tat-trasport tar-Russja. Hija l-akbar kumpanija tal-kiri fit-trasport fir-Russja. Fl-2025, il-portafoll ta’ lokazzjoni ta’ GTLK ġie vvalutat għal RUB 2,9 triljun, u għandha kumpaniji sussidjarji fil-Lvant Nofsani, fl-Asja u fl-Ewropa. GTLK stabbiliet għaliha nnifisha l-għan li toħloq flotta ta’ droni, importati miċ-Ċina biex twettaq missjonijiet ta’ sorveljanza mill-ajru. GTLK nediet programm nazzjonali għal-lokazzjoni ta’ droni u pprovdiet l-ewwel droni fl-2024. Il-volum ippjanat ta’ investimenti fil-produzzjoni ta’ droni fl-2024-2026 huwa ta’ RUB 34 biljun. F’April 2025, GTLK nediet suq għal droni bit-titlu ‘Naletay.RF’. GTLK hija entità ġuridika li tappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u tibbenefika minnu.	8.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
93.	Tatshina LLC (ООО ТАТШИНАУК) Former Management Company Tatneft-Neftekhim LLC (bir-Russu: ООО УК Татнефть-Нефтехим)	Indirizz: Korpus AIK-24, Industrial zone Territory, Nizhnekamsk, Nizhnekamskij District, Republic of Tatarstan, 423570 Russian Federation Tel: +7(8555) 49-73-42, +7(8555) 49-75-86, +7 (8555) 49-74-39, +7(8555) 49-79-82, +7(8553) 25-54-97 Fax: +7(8555) 49-75-86 Sit web: www.neftehim.tatneft.ru Indirizz elettroniku: nhk@tnnh.tatneft.ru, rotkinaeg@tnnh.tatneft.ru Numru tar-reġistrazzjoni: NIT 1644024517 IEC 165101001 PSRN 1021601627090 fil-25.11.2002 OKPO 57243722 Entitajiet assoċjati: JSC Nizhnekamskshina; LLC Nizhnekamsk Truck Tyre Factory; Nizhnekamsk SSC Tyre Factory;	Wara d-dežinjazzjoni ta' Management Company Tatneft-Neftekhim LLC, Tatneft Group biegħ il-parteċipazzjoni tiegħu fil-kumpanija maniġerjali 'Tatneft-Neftekhim' lil JSC Tatneftekhiminvest-Holding, li bidlet isimha għal Tatshina LLC. Tatshina LLC (li qabel kien jisimha Management Company Tatneft-Neftekhim) timmaniġġa u tikkoordina l-kumpanija subordinata tat-tajers PJSC Nizhnekamskneftekhim, li tinkludi TD KAMA, Nizhnekamskshina u Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant. Din tgħaqqad flimkien l-intrapriżi kollha relatati man-negozju tat-tajers JSC Tatneftekhiminvest-Holding, u timmaniġġa l-produzzjoni, il-proċessi tal-ippjanar, l-operazzjonijiet kummerċjali, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet pubbliċi tagħhom. TD KAMA, id-distributur ġenerali tal-prodotti kummerċjali tat-tajers ta' JSC Tatneftekhiminvest-Holding, tforni tajers lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa u lill-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Nizhnekamskshina timmanifattura tajers immuntati fuq il-vetturi armati K4386 Typhoon-VDV. Il-prodotti ta' Nizhnekamsk All-Steel Tyre Plant jinkludu t-tajers KAMA NU402 li jiġu mmuntati fuq il-vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr li jġorru missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet. Il-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa użaw vetturi armati K4386 Typhoon-VDV, vetturi ta' mobbiltà tal-infanterija Tigr u missili mobbli Kornet kontra t-tankijiet matul il-gwerra tar-Russja ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk Tatshina LLC u TD KAMA jappoġġaw materjalment lill-impjegati mobilizzati għall-gwerra fl-Ukrajna. Għalhekk hija responsabbli li appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	3.6.2022

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
		JSC Nizhnekamsktekhuglerod; JSC Nizhnekamsk (Mechanical Plant); TD 'Kama' Trading House; LLC 'Kama' Scientific & Technical Center; LLC TATNEFT-Neftekhimsnab; JSC Yarpolimermash-Tatneft; LLC Energoshinservis		

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
251.	JSC SPECIAL DESIGN BUREAU OF TRANSPORT MECHANICAL ENGINEERING magħrufa wkoll bħala JSC Spetsmash (АО 'СПЕЦИАЛЬНОЕ КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ТРАНСПОРТНОГО МАШИНОСТРОЕНИЯ' magħrufa wkoll bħala АО 'Спецмаш')	Indirizz: 198097, Russian Federation, St. Petersburg, 47 Stachek Ave., building 2 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 10.12.1992 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027802749061 Post prinċipali tan-negozju: St. Petersburg, Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7805019624 KPP: 780501001 Sit web: www.specmash-kb.com Tel: +7 (812) 320-08-23 Indirizz elettroniku: specmash@specmash-kb.com	JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering hija wieħed mill-kumplessi industrijali u ta' difiża tar-Russja li tiżviluppa u timmanifattura vetturi militari u bi skop speċjali. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering twaqqfet fl-Impjant ta' Kirov u għandha l-faċilitajiet kollha meħtieġa għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' vetturi militari. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering tappartjeni indirettament lill-Korporazzjoni Statali Rostec. JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering tiżviluppa u timmodernizza l-karru armat ewlieni T-80, l-artillerija awtopropulsiva 2S7 'Pion' u l-verżjoni mtejba tagħha 2S7M 'Malka', u x-xażi għas-sistema ta' difiża tal-ajru S-300V. Dawk il-magni militari tqal jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-karrijiet armati ewlenin, l-artillerija awtopropulsiva u s-sistemi ta' difiża tal-ajru li tipproduċi JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering jipprovdu kapaċitajiet ta' ġlied u qawwa tan-nar lill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk JSC Special Design Bureau of Transport Mechanical Engineering qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
256.	JSC DESIGN OFFICE FOR SHIPBUILDING VYMPEL magħrufa wkoll bħala JSC DO Vympel (АО КОНСТРУКТОРСКОЕ БЮРО ПО ПРОЕКТИРОВАНИЮ СУДОВ ‘ВЫМПЕЛ’ magħrufa wkoll bħala АО КБ ‘Вымпел’)	Indirizz: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, st. Nartova, d. 6 k. 6, room 25 cab. 96 Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod, st. Nartova, d. 6 k. 6, room 25 cab. 96 Data tar-reġistrazzjoni: 4.5.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025203018708 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Nizhny Novgorod region, Nizhny Novgorod Sit web: https://www.vympel.ru/, https://www.list-org.com/company/14072 Tel: +7 (831) 433-41-49 Indirizz elettroniku: info@vympel.ru Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5260001206 KPP: 526201001	JSC Design Office for Shipbuilding Vympel (JSC DO Vympel) hija waħda mill-kumplessi industrijali u ta’ difiża tar-Russja li tibni firxa wiesgħa ta’ vapuri ta’ diversi klassijiet u skopijiet, inkluż trasportaturi navali, tankers u bastimenti ta’ appoġġ għall-Forza Navali Russa. JSC DO Vympel tagħmel parti mill-kumpanija tal-bini tal-vapuri propjretà tal-istat JSC United Shipbuilding Corporation. JSC DO Vympel tiżviluppa u tibni varjetà estensiva ta’ vapuri u bastimenti strateġikament importanti għall-industriji Russi. Barra minn hekk JSC DO Vympel tibni bastimenti ta’ appoġġ għall-Forza Navali Russa, li qed tieħu sehem attiv fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Is-sħab ewlenin ta’ JSC DO Vympel huma kumpaniji Russi tal-bini tal-vapuri li jappartjenu lill-konglomerat tal-bini tal-vapuri proprjetà tal-istat JSC United Shipbuilding Corporation. Għalhekk JSC DO Vympel qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
260.	JSC 'Research and Production Enterprise "Topaz"' magħrufa wkoll bħala JSC 'NPP "Topaz"' (АО 'Научно-Производственное Предприятие "Топаз"' magħrufa wkoll bħala АО 'НПП "Топаз"')	Indirizz: Russian Federation, 129085, Moscow, Mira Ave., 105, bldg. 9 Indirizz preċedenti: Russian Federation, Moscow region, Dolgoprudny, Pervomayskaya street, 21 Indirizz legali preċedenti: Russian Federation, 129626, Moscow city, ul. 3rd Mytishchinskaya, d. 16, p. 34, floor 2 pom III com 25 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 24.7.1997, 17.1.2003 Numru tar-reġistrazzjoni: 1035001851125 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni addizzjonali: INN/KPP 5008011331/771701001 Tel: (495) 909-84-82; (495) 909-84-83 Fax: (495) 909-83-73 Sit web: https://topazlab.ru/ Indirizz elettroniku: mail@topazlab.ru	JSC Research and Production Enterprise 'Topaz' (JSC NPP 'Topaz') hija involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta' hardware u software li jintużaw għall-appoġġ tal-kontroll oġġettiv ta' inġenji tal-ajru bbażati fuq l-art u bbażati fuq it-trasportaturi navali għall-avjazzjoni militari u ċivili. JSC NPP 'Topaz' tipprovdi s-software 'CKAT' li jintuża mill-inġenji tal-ajru tal-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni li għaddejja kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC NPP 'Topaz' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
306.	Mikron JSC (Акционерное Общество 'Микрон' magħrufa wkoll bħala AO 'Микрон')	Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Indirizz: 124460, Moscow, Zelenograd, Akademika Valieva St., 6, building 1 Data tar-reġistrazzjoni: 13.1.1994 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7735007358 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700073466	MIKRON JSC hija entità li topera fis-settur tal-IT Russu, inkluż fil-qasam tal-elettronika. Mikron JSC għandha liċenzji amministrati minn Federal Security Service of the Russian Federation (FSB). Waħda mil-liċenzji tal-FSB li għandha Mikron JSC tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). Għalhekk Mikron JSC tikkostitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b'liċenzja amministrata minn FSB Center for Licensing, Certification and Protection of State Secrets.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
316.	Software Research Institute magħrufa wkoll bħala JSC 'SCIENTIFIC-RESEARCH INSTITUTE OF SOFTWARE' magħrufa wkoll bħala JSC NII PS magħrufa wkoll bħala Research Institute of Software Tools magħrufa wkoll bħala Joint-Stock Company 'Research Institute of Software Tools' (АКЦИОНЕРНОЕ ОБЩЕСТВО 'НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ПРОГРАММНЫХ СРЕДСТВ' magħrufa wkoll bħala АО 'НАУЧНО-ИССЛЕДОВАТЕЛЬСКИЙ ИНСТИТУТ ПРОГРАММНЫХ СРЕДСТВ' magħrufa wkoll bħala АО НИИ ПС)	Post tar-reġistrazzjoni: St. Petersburg, Russian Federation Indirizz: 194021, St. Petersburg, Polytechnic Street 22N Data tar-reġistrazzjoni: 14.2.2011 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7804454896 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1117847048440	Is-Software Research Institute hija entità li topera fis-settur Russu tal-IT, inkluż fil-qasam tal-ipprogrammar bil-kompjuter u l-manifattura tat-tagħmir militari. Is-Software Research Institute għandu liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ, kif ukoll liċenzja amministrata mis-Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa (FSB). Il-liċenzja amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ tkopri l-'iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, l-installazzjoni, il-manutenzjoni, ir-rimi u l-bejgħ ta' armi u tagħmir militari'. Il-liċenzja tal-FSB tinħareġ lil kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw teknoloġija ta' kriptaġġ u kriptografija, sistemi ta' informazzjoni, u sistemi ta' telekomunikazzjoni għas-servizzi tal-intelligence Russi, kif ukoll kumpaniji tal-IT li jiżviluppaw sistemi ta' ġestjoni ta' bażijiet ta' data personali għas-servizzi tas-sigurtà Russi (jiġifieri għodod imfassla speċifikament biex jaħżnu, jirkupraw u jimmaniġġaw ammonti kbar ta' data miksuba permezz ta', pereżempju, scraping tal-media soċjali jew prattiki oħra ta' ġbir ta' intelligence). Għalhekk, is-Software Research Institute jikkonstitwixxi entità li topera fis-settur tal-IT Russu b'liċenzja amministrata minn FSB Center for Licensing, Certification and Protection of State Secrets u liċenzja ta' 'armi u tagħmir militari' amministrata mill-Ministeru Russu għall-Industrija u l-Kummerċ.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
318.	PMC Redut magħrufa wkoll bħala PMC Redoubt (ЧВК Редут magħrufa wkoll bħala Редут-Антитеррор magħrufa wkoll bħala OOO ‘РЕДУТ-БЕЗОПАСНОСТЬ’)	Indirizz: Dubininskaya street 61, room IV, room 35, Moscow Russian Federation Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 13.12.2019 Numru tar-reġistrazzjoni: 1197746727530	Il-Kumpanija Militari Privata Redut (‘PMC Redut’) hija entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li allegatament taħdem taħt il-kmand tal-Ministeru tad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. Hija twettaq attivitajiet ta’ sigurtà u relatati mal-militar, b’parteċipazzjoni diretta f’konflitti militari. Filwaqt li qabel kienet assoċjata ma’ attivitajiet fis-Sirja, fil-kuntest tal-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna PMC Redut kienet involuta f’attivitajiet ta’ ġlied fl-Ukrajna, qrib l-Impjant tal-Enerġija Nukleari ta’ Chernobyl u Kharkiv, kif ukoll wettqet sforzi ta’ rikonjizzjoni qabel il-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Kienet marbuta wkoll ma’ attentati ta’ qtil fuq il-President tal-Ukrajna Volodymyr Zelenskyy. Membri ta’ PMC Redut ġew identifikati bħala suspettati f’investigazzjonijiet ta’ delitti tal-gwerra mwettqa matul il-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk PMC Redut qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	18.12.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2161/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
329.	LLC Miranda Media magħrufa wkoll bħala LLC Miranda-Media (ООО Миранда Медиа magħrufa wkoll bħala ООО Миранда-Медиа)	Indirizz: Ukraine, Crimea, Simferopol, Geroev, Adzhimushkaya street, 9 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Crimea, Ukraine Data tar-reġistrazzjoni: 15.6.2004 Numru tar-reġistrazzjoni: 1047796423487 Post prinċipali tan-negozju: Crimea, Ukraine Tel: 433-81-46, +7 (863) 287-06-14, +7 (978) 993-78-43 Indirizz elettroniku: tender@miranda-media.ru Sit web: https://www.miranda-media.ru/ Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7702527584 KPP: 910201001	Miranda Media tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjoni lil awtoritajiet u istituzzjonijiet fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment fl-interessi tal-Federazzjoni Russa. Il-Gvern tal-Federazzjoni Russa rrikonoxxa lil Miranda Media bħala kumpanija ta' importanza essenzjali. Hija tirċievi appoġġ finanzjarju sostanzjali mill-Federazzjoni Russa. Hija għandha wkoll it-tagħmir ta' filtrazzjoni tal-internet użat mill-Gvern Russu biex jirrestringi l-aċċess għall-informazzjoni, qablet li taqsam id-data dwar l-abbonati tagħha mal-awtoritajiet Russi, u ngħatat kuntratti mill-Istat Russu biex tinstalla sistemi ta' sorveljanza bil-vidjo. Għalhekk Miranda Media qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	18.12.2023

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
342.	Rostov Helicopter Production Complex Public Joint Stock Company 'Rostvertol' Named After B.N. Slyusar PJSC magħrufa wkoll bħala Rosvestol (Ростовский Вертолетный Производственный Комплекс Публичное Акционерное Общество 'Роствертол' имени Б.Н. Слюсаря magħrufa wkoll bħala ПАО 'Росвестол')	Indirizz: Russian Federation, Rostov region, Rostov-on-Don, Novatorov str., vld. 5 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi Post tar-reġistrazzjoni: Rostov, Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2.12.1992, 23.9.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 6161021690 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: https://www.rhc.ru/ Tel: +7 (863)272-72-21, +7 (495) 627 55 45, +7 (495) 660-55-60, +7 (495) 660-5559 Indirizz elettroniku: hsc@hsc-copter.com Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6161021690 KPP: 616101001 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026102899228	PJSC Rostvertol (Rostov Helicopter Production Complex Public Joint-Stock Company Rostvertol) hija manifattur Russu tal-inġenji tal-ajru. PJSC Rostvertol tipproduċi inġenji tal-ajru kbar li jaħdmu bir-rotors tad-ditta 'Mi' jiġifieri Mi-35M, Mi-28N u Mi-26. Dawk il-ħelikopters jintużaw mill-Forzi Armati Russi fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna. Għalhekk PJSC Rostvertol qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
345.	FSE 'TGP', Federal State Enterprise 'Tambov Gunpowder Plant' (ФКП 'ТПЗ', Федеральное Казенное Предприятие 'Тамбовский Пороховой Завод')	Indirizz: Russian Federation, 393190, Tambov region, Kotovsk, Truda Ave., 23 Tip ta' entità: Intrapriża tal-Istat Federali Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 393192, Tambov region, Kotovsk, Truda Ave., 23 Data tar-reġistrazzjoni: 16.8.2000 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026801010994 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Tel: +7 (47541) 2-36-33 Fax: +7 (47541) 2-08-00 Indirizz elettroniku: info@fkptpz.ru Sit web: https://fkptpz.ru Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6825000757 KPP: 682501001	L-FSE Tambov Gunpowder Plant hija intrapriża Russa li tipproduċi trabijiet tal-pirossilina, li jintużaw f'diversi tipi ta' munizzjon użat mill-Forzi Armati Russi. L-impjant jipproduċi trabijiet tal-pirossilina għall-firxa wiesgħa ta' munizzjon, minn skratać u granati ta' 7,62 mm għall-azzarini Kalashnikov sa balal ta' 125 mm għall-karri armati ewlenin T-90 u projettili tal-artillerija għall-unitajiet tal-artillerija u howitzers 2S3 Akatsiya, 2S19 Msta-S, Msta-B u 2S5 Hyacinth. L-impjant huwa proprjetà tal-konglomerat tad-difiża Russu Rostec State Corporation. L-impjant jopera f'settur strateġikament importanti tal-industrija militari u seta' jżid il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. FSE Tambov Gunpowder Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
349.	Closed Joint Stock Company Klimovsk Specialised Cartridge Plant, CJSC KSCP magħrufa wkoll bħala CJSC KSPZ (Закрытое Акционерное Общество Климовский Специализированный Патронный Завод magħrufa wkoll bħala ЗАО КСПЗ)	Indirizz: 249100, Kaluga region, Tarusa district, Tarusa, 18, R. Luxemburg str.; 142181, Moscow region, Podolsk, Klimovsk district, Zavodskaya street, 2. Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Magħluqa Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 29.8.2001 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025002689205 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5021011845 KPP: 507401001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Tarusa Tel: 8(495) 445-54-00, 8(495)514-22-20, (8495) 517-93-08 Indirizz elettroniku: office@kspz.ru Sit web: https://new.kspz.ru/	CJSC Klimovsk Specialised Cartridge Plant hija intrapriża Russa li tipproduċi skratać għall-użu f'diversi tipi ta' armi użati mill-Forzi Armati Russi. L-impjant huwa fornitur ewlieni ta' munizzjon għall-aġenziji tal-infurzar tal-liġi Russi, inkluż l-Unità Militari Nru 55056 (Servizz Federali tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa) u s-Servizz Penitenzjarju Federali. CJSC KSCP toffri firxa wiesgħa ta' skratać ta' diversi tipi ta' kalibru użati mill-Forzi Armati u mis-servizzi tas-sigurtà Russi. L-impjant jopera f'settur strateġikament importanti tal-industrija militari u l-attivitajiet tiegħu jsaħħu direttament il-kapaċitajiet militari ta' ġlied tar-Russja. Għalhekk CJSC Klimovsk Specialised Cartridge Plant qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
353.	JSC Saratov magħrufa wkoll bħala Radio Instrument Plant Joint Stock Company Saratov Radio Instrument Plant magħrufa wkoll bħala JSC SRZ (Акционерное Общество ‘Саратовский Радиоприборный Завод’ magħrufa wkoll bħala AO ‘Саратовский Радиоприборный Завод’ magħrufa wkoll bħala AO CPЗ)	Indirizz: 410040, Saratov, Prospekt 50 Let Oktyabrya, d 108, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 13.3.2009 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6453104288 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation, Saratov Numru tar-reġistrazzjoni: 1096453002690	JSC Saratov Radio Instrument Plant hija waħda mill-intrapriżi ewlenin fil-produzzjoni ta’ sistemi moderni ta’ osservazzjoni tas-sitwazzjoni fis-superfiċje u d-dežinjazzjoni ta’ bersalli għall-Flotta Navali Russa. L-impjant jagħmel parti minn Granit-Electron Concern, li fl-2018 saret tagħmel parti minn Tactical Missile Armament Corporation. Il-kumpanija tiżviluppa u tipproduċi radars kostali mobbli MYS-M1E u radars kostali fissi MR-10M1E mfassla biex jidentifikaw u jiddeterminaw il-koordinati u n-nazzjonalità tal-bastimenti tal-wiċċ u l-miri ta’ veloċità għolja żgħar. Għalhekk JSC Saratov Radio Instrument Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC Saratov Radio Instrument Plant hija assoċjata wkoll ma’ Tactical Missiles Corporation Joint Stock Company.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
354.	JSC ‘SMP’ magħrufa wkoll bħala Joint Stock Company ‘Serov Mechanical Plant’ (AO ‘CMЗ’ magħrufa wkoll bħala Акционерное Общество ‘Серовский Механический Завод’)	Indirizz: Russian Federation, 624981, Sverdlovsk region, Serov city, Aglomeratchikov str. 10 Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 624981, Sverdlovsk region, Serov city, Aglomeratchikov str. 10 Data tar-reġistrazzjoni: 23.12.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1116680000470 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6680000479 Sit web: https://serovmp.ru/ Tel: (34385) 7-36-81, (34385) 7-36-85, Indirizz elettroniku: info@serovmp.ru KPP: 668001001	JSC Serov Mechanical Plant huwa impjant Russu li jipproduċi tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt u tal-gass, l-esplorazzjoni ġeoloġika u l-estrazzjoni minerarja. L-impjant huwa importanti ħafna minħabba li huwa wieħed mill-fornituri ewlenin ta’ tagħmir għat-tħaffir u l-produzzjoni taż-żejt lil kumpaniji taż-żejt ewlenin tar-Russja bħal Lukoil, Gazpormneft, Rosneft. Minbarra r-rwol importanti tagħha fl-industrija tal-fjuwils fossili Russa, JSC Serov Mechanical Plant tipproduċi prodotti speċjali taħt l-ordnijiet tad-difiża tal-Istat Russu. L-impjant jipproduċi kisi tal-projettili ta’ kalibru ta’ 152 mm għall-artillerija awtopropulsiva Koalitsiya-SV użata mir-Russja fil-gwerra kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC Serov Mechanical Plant qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
355.	JSC ‘State Design Bureau “Vympel” named after I.I. Toropov’ (АО ‘Гос МКБ “Вымпел” им. И. И. Торопова’)	Indirizz: Russian Federation, 125424, Moscow, Volokolamskoe sh., 90 Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Moscow, Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 22.6.2005 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7733546058 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1057747296166 Sit web: www.vympelmkb.ru/about/ Tel: +74964910122 Indirizz elettroniku: info@vympelmkb.ru	JSC ‘State Design Bureau “Vympel” named after I.I. Toropov’ hija intrapriża speċjalizzata involuta fl-iżvilupp u l-produzzjoni ta’ sistemi awtomatizzati għall-manutenzjoni u l-kontroll ta’ armi u tagħmir militari. L-intrapriża hija involuta fl-iżvilupp u l-manifattura ta’ missili ggwidati mill-ajru għall-ajru u mill-ajru għall-wiċċ, missili ggwidati għal sistemi fuq l-art u tal-baħar kontra l-inġenji tal-ajru, lanċaturi, u katapulti għal missili ggwidati fl-ajru, ajruplani li jġorru armamenti bil-bombi mill-ajru u unitajiet għal missili ta’ inġenji tal-ajru mhux iggwidati. JSC ‘State Design Bureau “Vympel” named after I.I. Toropov’ hija involuta fil-produzzjoni ta’ diversi missili, bħal APU-305 u APU-L, kif ukoll il-missili tal-inġenji tal-ajru mhux iggwidati B13L, li qed jitwasslu lill-Forzi Armati Russi u li jintużaw fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC ‘State Design Bureau “Vympel” named after I.I. Toropov’ qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. JSC ‘State Design Bureau “Vympel” named after I.I. Toropov’ qed tappoġġa wkoll materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
357.	LLC ‘SMT-iLogic’ magħrufa wkoll bħala LLC SMT-Ailogik magħrufa wkoll bħala LLC SMT iLogic (ООО ‘СМТ-Айлогик’)	Indirizz: 195220, Russian Federation, St Petersburg, Nepokorennykh Avenue, 17, building 4, letter V, room 5-N Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1157847407156 Data tar-reġistrazzjoni: 27.11.2015 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7804552300 KPP: 780401001 Entitajiet assoċjati: Special Technology Center Ltd. (magħruf ukoll bħala STC, Ltd) Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Sit web: http://smt-ilogic.ru/ Tel./fax: +7 (812) 244-19-87 Tel: +7 812 244-33-13 Indirizz elettroniku: info@smt-ilogic.ru	LLC SMT-iLogic hija fornitur ta’ diversi servizzi fil-qasam tal-iżvilupp tal-elettronika. Il-kumpanija tipprovdi servizzi għall-iżvilupp tal-elettronika u timmanifattura apparat għall-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni. LLC STC, il-manifattur affiljat mal-militar Russu tad-droni Orlan-10, tikseb komponenti barranin mingħand LLC SMT-iLogic. Il-Forzi Armati Russi jużaw droni Orlan-10 fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna. Għalhekk LLC SMT-iLogic qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk LLC SMT-iLogic hija assoċjata ma’ LLC STC.	23.2.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/2161/oj

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
358.	The 924th Unmanned Aerial Vehicle Center (Military Unit 20924) (924-й центр беспилотных летательных аппаратов (воинская часть 20924))	Indirizz: 140415, Russian Federation, Moscow Oblast, Kolomna, 5 Proezd Artilleristov Tip ta' entità: Parti mill-Ministeru għad-Difiża Russu Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 25.4.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 1165022050808 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5022050639 KPP: 502201001 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Informazzjoni addizzjonali: L-unità militari nħolqot fl-1 ta' Diċembru 1983. In-924th State Center for Unmanned Aviation of the Russian Ministry of Defense nħoloq fl-2009	In-924th Unmanned Aerial Vehicle Center (Military Unit 20924) jagħmel parti mill-Ministeru Russu għad-Difiża. Il-membri tas-servizz qed jiġu mħarrġa fis-Center biex jitlestew kompletament il-kumpaniji tal-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) li qed jiġu ffurmati fid-Distretti Militari tal-Punent u Ċentrali. Fl-istess ħin, is-Center huwa involut fit-tlestija ta' testijiet militari ta' kumplessi b'UAVs (Zastava, Navodchik-2, Forpost u Orlan-10) li, mat-tlestija tat-testijiet, jiġu ttrasferiti lill-kumpaniji tal-UAVs. In-924th Unmanned Aerial Vehicle Center tal-Ministeru Russu għad-Difiża jħarreġ lill-operaturi tal-UAVs għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Ħafna minnhom ħadu sehem f'operazzjonijiet ta' ġlied fil-Kawkasu tat-Tramuntana, is-Sirja, u issa jinsabu fiż-żona tal-Operazzjoni Militari Speċjali. Għalhekk in-924th Unmanned Aerial Vehicle Center (Military Unit 20924) qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
361.	Askon JSC magħrufa wkoll bħala Ascon JSC magħrufa wkoll bħala Automated Design Systems (AO 'АСКОН' magħrufa wkoll bħala Акционерное Общество 'Аскон' magħrufa wkoll bħala Автоматизированная Система Конструирования)	Indirizz: Russian Federation, 199155, St. Petersburg, st. Odoevskogo, 5 litera Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 12.9.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7809009923 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739360110 u 1027810229908	Askon JSC hija kumpanija tal-IT Russa li tiżviluppa software tad-disinn, tal-inġinerija u tal-ġestjoni tal-produzzjoni għall-kumpless militari industrijali Russu. B'mod partikolari Askon JSC tiżviluppa software ta' mudellar diġitali għal JSC United Shipbuilding Corporation, JSC Research and Production Corporation URALVAGONZAVOD, JSC Tactical Missiles Corporation (KTRV) u JSC Almaz-Antey Air and Space Defense Corporation. Barra minn hekk Askon JSC tiżviluppa software tal-inġinerija użat għall-manifattura ta' sistemi ta' missili li jintużaw mill-Forzi Armati Russi, inkluż is-sistema ta' missili ballistiċi interkontinentali Topol-M, is-sistema ta' missili ballistiċi fuq distanza qasira Iskander-M, u s-sistema portabbli ta' missili mill-wiċċ għall-ajru (MANPADS) Igla. Għalhekk Askon JSC qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
362.	Azia Shipping Company LLC magħrufa wkoll bħala Azia Shipping Co magħrufa wkoll bħala Asia Shipping Company (ООО Судоходная Компания Азиа)	Indirizz: Russian Federation, 690091, Primorsky Krai, Vladivostok city, Posyetskaya st., 29 Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2540195189 Data tar-reġistrazzjoni: 17.9.2013 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru tar-reġistrazzjoni: 1132540008732	Azia Shipping Company LLC hija kumpanija tat-tbaħħir Russa li tagħti appoġġ loġistiku lill-Ministeru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa. B'mod partikolari Azia Shipping Company LLC hija involuta f'network ta' trasport militari ta' bastimenti tal-merkanzija Russi li jwasslu armamenti Nord Koreani minn Pyongyang sal-faċilitajiet militari fil-port Russu ta' Dunai. Wara l-munizzjonijiet Nord Koreani ttrasportati minn Azia Shipping Company LLC jiġu ttrasferiti lejn imħażen fuq il-fruntiera tal-Punent tar-Russja biex jintużaw fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk Azia Shipping Company LLC qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu.	23.2.2024

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
553.	Joint Stock Company 'Elektrotyaga' bir-Russu: Акционерное общество 'Электротяга' magħrufa wkoll bħala AO 'Электротяга' magħrufa wkoll bħala AO 'Electrotyaga' magħrufa wkoll bħala JSC 'Elektrotyaga'	Indirizz: 198095, Russian Federation, St. Petersburg, Kalinina str., 50 A Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1.11.2001, 20.9.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027802718437 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7805230257 KPP: 780501001 Sit web: https://gidropribor.ru/about/departments/electrotyaga.html Tel: +7 (812) 786-32-19, +7 (812) 240-12-90, +7 (812) 786-3244, +7 (812) 786-9759, +7 (812) 786-9719 Indirizz elettroniku: aelektrotyaga@mail.ru, contact@aoelectrotyaga.ru Entitajiet assoċjati: JSC MPO-Gidropribor; JSC Tactical Missiles Corporation	JSC Elektrotyaga tagħmel parti min-negozju militari industrijali tal-istat Russu JSC 'MPO-Gidropribor', li tagħmel parti minn JSC 'Tactical Missiles Corporation', u tforni l-prodotti tagħha lis-settur militari industrijali. B'mod partikolari JSC Elektrotyaga hija manifattur ta' batteriji, inkluż batteriji ta' emerġenza/standby u batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu rikarikabbli għas-sottomarini tal-Flotta Navali Russa. Għalhekk JSC Elektrotyaga qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk JSC Elektrotyaga hija assoċjata ma' JSC 'MPO-Gidropribor' u JSC 'Tactical Missiles Corporation'.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
577.	Joint Stock Company 'Zagorsk Optical and Mechanical Plant' bir-Russu: Акционерное общество 'Загорский Оптико-Механический Завод' magħrufa wkoll bħala AO 'Загорский Оптико-Механический Завод' magħrufa wkoll bħala JSC 'ZOMZ' magħrufa wkoll bħala JSC 'ZOMP' magħrufa wkoll bħala AO 'ЗОМЗ'	Indirizz: 141310, Russian Federation, Sergiev Posad, Moscow Region, Red Army Ave., 212V, building 5, room 212 Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 15.9.1992, 21.6.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 1025005326202 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Data ta' inkorporazzjoni: 16.10.2002 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5042010793 KPP: 504201001 Sit web: http://zomz.ru Tel: +7 (495) 540-62-45, +7 (495)728-77-98 Indirizz elettroniku: info@zomz.ru	JSC 'Zagorsk Optical and Mechanical Plant' (JSC ZOMZ) hija entità tal-industrija militari Russa. JSC ZOMZ timmanifattura apparat ottiku, inkluż lentijiet binokulari u tagħmir li jieħu immaġnijiet termali, kif ukoll komponenti għal prodotti militari. JSC ZOMZ tagħmel parti mill-entità tal-industrija militari tal-Istat JSC 'Shvabe', li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel parti mill-Korporazzjoni Statali Rostec, u tforni prodotti inkorporati f'tagħmir li jintuża mill-militar Russu. Għalhekk JSC ZOMZ qed tappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
580.	Public Joint Stock Company Surgutneftegaz bir-Russu: Публичное Акционерное Общество ‘Сургутнефтегаз’ magħrufa wkoll bħala: PJSC ‘Surgutneftegaz’ magħrufa wkoll bħala ПАО ‘Сургутнефтегаз’	Indirizz: 628415, Khanti-Mansiysk Autonomous Region, Yugra, ulitsa Grigoiya Kukuyevitskogo d. 1 k. 1, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Pubbliċi Data tar-reġistrazzjoni: 18.9.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1028600584540 Post prinċipali tan-negozju: Russian Federation Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 8602060555 Indirizz elettroniku: office@surgutneftegas.ru Tel: +7 (3462) 42-70-09	PJSC Surgutneftegaz hija kumpanija attiva fis-settur tal-enerġija Russu. Il-kumpanija twettaq prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta’ idrokarburi fi tliet provinċji Russi li jipproduċu ż-żejt u l-gass, jiġifieri s-Siberja tal-Punent, is-Siberja tal-Lvant u Timan-Pechora. Is-settur tal-enerġija, speċjalment iż-żejt u l-gass, jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk PJSC Surgutneftegaz hija involuta f’settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta’ dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
584.	Limited Liability Company ‘Scientific And Production Association Rustecdrone’ bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью ‘Научно-Производственное Объединение Рустехдрон’ magħrufa wkoll bħala LLC NPO Rustecdrone magħrufa wkoll bħala ООО ‘НПО Рустехдрон’	Indirizz: 111675, Moscow, vn.ter.g. Municipal District, Kosino-Ukhtomsky, Pekhorskaya str. 1/3, p. 4, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Numru tar-reġistrazzjoni: 1235000022179 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5003155499 KPP: 772001001 Tel: +7 (963) 664-65-89 Indirizz elettroniku: info@rustecdrone.ru; mo@rustecdrone.ru Sit web: https://rustecdrone.ru/	LLC ‘Scientific And Production Association Rustecdrone’ (NPO Rustecdrone) hija waħda mill-iżviluppaturi u l-produtturi ewlenin ta’ sistemi ta’ vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord fir-Russja, u tforni lill-Ministeru għad-Difiża Russu. Il-vetturi tal-ajru mingħajr bdot abbord (UAVs) tagħha, b’mod partikolari l-RTD-4M u l-UAV Inferno, jintużaw mill-armata Russa fil-gwerra ta’ aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk NPO Rustecdrone qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
587.	Joint Stock Company 'Research and Production Enterprise "Polet"' bir-Russu: Акционерное Общество 'Научно-Производственное Предприятие "Полет"' magħrufa wkoll bħala AO 'NPP "Polet"' magħrufa wkoll bħala JSC Research and Production Enterprise 'Polet'	Indirizz: Nizhny Novgorod, pl Komsomolskaya d 1, 603011, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 29.12.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1115258007688 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5258100129 KPP: 525801001	JSC Research and Production Enterprise 'Polet' hija waħda mill-iżviluppaturi u l-manifatturi ewlenin tat-tagħmir ta' komunikazzjoni bir-radju tal-avjazzjoni għall-korpi militari. Hija żviluppat għodod ta' komunikazzjoni diġitali li jżidu l-protezzjoni kontra l-interferenza u jżidu l-intelligence tal-komunikazzjonijiet ta' sistemi abbord. Barra minn hekk il-kumpanija timmanifattura r-RITM-POLYOT, apparat ta' stimolu tal-bijoritmu għall-irkupru, li jintuża b'mod attiv mill-militar Russu, inkluż fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-kumpanija tforni l-prodotti tagħha lill-Istat Russu, inkluż il-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ u l-Ministeru għad-Difiża. Għalhekk JSC Research And Production Enterprise 'Polet' qed tappoġġa azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
588.	Joint Stock Company 'Experimental Design Bureau "Crystal"' bir-Russu: Акционерное Общество 'Опытное Конструкторское бюро "Кристалл"' magħrufa wkoll bħala JSC Experimental Design Bureau 'Crystal' magħrufa wkoll bħala JSC 'ОКТВ "Kristall"' magħrufa wkoll bħala АО 'ОКТБ Кристалл'	Indirizz: Moscow, Entuziastov Ave., 15, Room 67, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 2.3.1995 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739249009 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7720015691 KPP: 772001001	JSC 'Experimental Design Bureau "Crystal"' hija kumpanija tal-industrija militari. Hija timmanifattura komponenti awtomobilistiċi u tal-inġenji tal-ajru (inkluż pompi tal-fjuwil għas-sistemi tal-fjuwil tal-inġenji tal-ajru, sistemi awtomatiċi ta' kontroll tal-magni, u alternaturi), inkluż għal sistemi ta' inġenji tal-ajru użati mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tiegħu kontra l-Ukrajna, bħal komponenti tal-inġenji tal-ajru Su u MiG. Għalhekk JSC 'Experimental Design Bureau "Crystal"' qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u barra minn hekk qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
592.	Federal State Enterprise ‘Samara Plant “Kommunar”’ bir-Russu: Федеральное Казенное Предприятие ‘Самарский Завод “Коммунар”’	Indirizz: Samara Region, Volzhsky District, Pp Petra Dubrava, Kommunarov Street, 3, Russian Federation Tip ta’ entità: Intrapriża tal-Istat Federali Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 28.1.2003 Numru tar-reġistrazzjoni: 1036302392356 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6367080065 OKPO: 07506501 Tel: +7 (846) 920-27-77 Indirizz elettroniku: info@fkp-kommunar.ru	Federal State Enterprise ‘Samara Plant “Kommunar”’, li tagħmel parti minn State Corporation Rostec, hija fornitur ewlieni ta’ porvli għall-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa. Bħala kumpanija tal-industrija militari u intrapriża tal-istat federali, hija liċenzjata mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa għall-iżvilupp, il-produzzjoni, l-ittestjar, il-ħżin, il-bejgħ u r-rimi ta’ munizzjon. Għalhekk Federal State Enterprise ‘Samara Plant “Kommunar”’ qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk din il-kumpanija qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	20.5.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
601.	Joint Stock Company 'Research Institute of Measuring Instruments – Novosibirsk Plant Named After Komintern' bir-Russu: Акционерное Общество 'Нии Измерительных Приборов – Новосибирский Завод Имени Коминтерна' magħrufa wkoll bħala AO 'NPO NIIIP-NZIK' magħrufa wkoll bħala JSC 'Research Institute of Measuring Instruments – Novosibirsk Plant Named After Komintern'	Indirizz: Novosibirsk, Planetnaya Street 32, 630015, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 20.9.2002 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1025400510827 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5401199015 KPP: 540101001	JSC 'Research Institute of Measuring Instruments - Novosibirsk Plant Named After Komintern' hija entità Russa responsabbli għall-produzzjoni ta' radar, tagħmir tan-navigazzjoni bir-radju u tagħmir ta' kontroll mill-bogħod bir-radju. Il-kumpanija hija involuta fit-titjib tal-magna għat-tneħħija tal-mini mill-bogħod 'Listva', li tintuża mill-militar Russu fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Għalhekk JSC 'Research Institute of Measuring Instruments - Novosibirsk Plant Named After Komintern' qed tappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
602.	Joint Stock Company 'Research Institute of Semiconductor Devices' bir-Russu: Акционерное Общество 'Научно Исследовательский Институт Полупроводниковых Приборов' magħrufa wkoll bħala AO 'NIIPP' magħrufa wkoll bħala JSC 'Research Institute of Semiconductor Devices'	Indirizz: Tomsk, krasnoarmeyskaya street 99A, 634034, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 19.12.2003 Numru tar-Reġistrazzjoni: 1037000170690 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7017084932 KPP: 701701001	JSC 'Research Institute of Semiconductor Devices' hija kumpanija industrijali militari. Tiżviluppa teknoloġiji u tipproduċi komponenti elettroniċi, primarjament għall-industrija militari. Pereżempju, il-kumpanija toħloq LEDs żgħar li jistgħu jintużaw bħala parti minn tagħmir bi skop speċjali, inkluż biex jippermettu operazzjonijiet f'kundizzjonijiet estremi. Għalhekk JSC 'Research Institute of Semiconductor Devices' qed tappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
615.	Joint Stock Company Scientific and Production Enterprise 'Military Technologies' bir-Russu: Акционерное общество Научно-Производственное Предприятие 'Военные Технологии' magħrufa wkoll bħala JSC NPP 'Military Technologies' magħruf ukoll bħala AO НПП 'Военные Технологии' magħrufa wkoll bħala JSC NPP 'VT' magħrufa wkoll bħala AO НПП 'ВТ'	Indirizz: Russian Federation, 195196, St Petersburg, Gromova St., Bldg. 14/6 (letter A, room 6-N) Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 30.3.2007 Numru tar-reġistrazzjoni: 1077847228447 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7813374541 KPP: 780601001	JSC Scientific and Production Enterprise 'Military Technologies' hija intrapriża tad-difiża Russa li tiżviluppa u timmanifattura tagħmir militari tekniku kumpless ta' teknoloġija avvanzata u ta' kwalità għolja, sistemi ta' kontroll awtomatizzati u software b'sors miftuħ u sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet. Il-kumpanija, fuq l-ordnijiet tal-Ministeru għad-Difiża Russu, żviluppat is-sistema tablet tal-artillerija 1A50 Komandor-VT, li ġiet ippreżentata fil-forum tekniku militari Army-2023. Għal dak l-iżvilupp, JSC Scientific and Production Enterprise 'Military Technologies' użat l-esperjenza miksuba mill-hardware u s-software tagħha li qed jiġu implimentati fuq il-front tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fl-2024, lott ta' tablets portabbli tagħha ddisinjati għall-preparazzjoni u l-kontroll tan-nar tal-artillerija ntbagħat lil unità tal-artillerija għall-ittestjar f'kundizzjonijiet ta' ġlied. Għalhekk JSC Scientific and Production Enterprise 'Military Technologies' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna, u qed tibbenefika minnu. JSC Scientific and Production Enterprise 'Military Technologies' tagħmel ukoll parti mill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
622.	Limited Liability Company 'Plant of Special Equipment' bir-Russu: Общество с Ограниченной Ответственностью 'Завод Специального Оборудования' magħrufa wkoll bħala LLC 'Plant of Special Equipment' magħrufa wkoll bħala OOO 'ZSO'	Indirizz: 142450, Moscow Region, Bogorodsky G., G. Staraya Kupavna, G Staraya Kupavna, Tup Maly, D. 3, Pomeshch. 74, Russian Federation; 454078, Chelyabinsk region, Chelyabinsk, Agalakov St. 30, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 23.9.2005 Numru tar-reġistrazzjoni: 1057748342629 Numru Individwali tat-Taxxa: 7722557040 KPP: 744901001	LLC 'Plant of Special Equipment' hija kumpanija militari industrijali li tipprovdi prodotti u servizzi (bħat-tiswija ta' prodotti radjuelettroniċi) lill-kumpaniji, inkluż Roscosmos u Rostec, involuti fil-produzzjoni ta' sistemi ta' missili, sistemi ta' difiża tal-ajru u ta' difiża spazjali, armi tal-artillerija u vetturi blindati. Il-kumpanija għandha liċenzja relatata mal-użu ta' informazzjoni li tikkostitwixxi sigriet tal-Istat, kif ukoll liċenzji għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' armi u tagħmir militari maħruġa mill-Ministeru għall-Industrija u l-Kummerċ tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk LLC 'Plant of Special Equipment' qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
623.	Joint Stock Company 'Research Institute of Modern Telecommunication Technologies' bir-Russu: Акционерное Общество 'Научно-Исследовательский Институт Современных Телекоммуникационных Технологий' magħrufa wkoll bħala JSC 'Research Institute of Modern Telecommunication Technologies' magħrufa wkoll bħala AO 'NII STT' magħrufa wkoll bħala AO 'НИИ СТТ'	Indirizz: 214012, Smolensk region, Smolensk, st. Novo-Leningradskaya, 10, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 26.12.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026701461160 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6730046954 KPP: 672901001	JSC 'Research Institute of Modern Telecommunication Technologies' tispeċjalizza fil-produzzjoni ta' tagħmir li jittrażmetti r-radju u t-televiżjoni. Tipproduċi wkoll armi u munizzjon. Il-prodotti ta' JSC 'Research Institute of Modern Telecommunication Technologies' jintużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari l-vettura tal-ajru mingħajr bdot abbord tagħha Merlin-VR. Għalhekk JSC 'Research Institute of Modern Telecommunication Technologies' qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk qed tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja u lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
625.	2Rivers FZCO magħrufa wkoll bħala 2Rivers magħrufa wkoll bħala Coral Energy DMCC	Indirizz: 3902-A Unit No.1 Platinum Tower, Dubai, United Arab Emirates Post tar-reġistrazzjoni: Dubai, United Arab Emirates Data tar-reġistrazzjoni: 19.1.2018	2Rivers FZCO hija kumpanija ta' kummerċ taż-żejt ibbażata f'Dubai. Flimkien ma' 2Rivers PTE Ltd, proprjetà wkoll ta' Vetus Investments, hija tifforma l-Grupp 2Rivers, li qabel kien magħruf bħala Coral Energy. Il-grupp 2Rivers jippermetti l-vjeġġi u l-esportazzjoni taż-żejt Russu, b'mod partikolari minn Rosneft, billi jaħbi l-oriġini attwali taż-żejt. B'mod partikolari, il-Grupp 2Rivers jikkontrolla l-parti l-kbira tal-bastimenti fl-hekk imsejħa 'flotta mistura' (shadow fleet) tar-Russja. Il-Grupp 2Rivers ikompli jopera l-istess network bħal Coral Energy, li jinkludi entitajiet assoċjati bħal Nord Axis u Bellatrix Energy, irrispettivament mill-bidla fl-isem u fis-sjieda tiegħu, kif muri mill-konnessjoni bejn is-sid preċedenti u l-maniġment il-ġdid. Barra minn hekk, is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk, 2Rivers FZCO qed tfixkel b'mod sinifikanti d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, b'mod partikolari l-Artikolu 3m. Hija involuta wkoll f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
635.	Limited Liability Company 'Krafttek' bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью 'Крафттек' magħrufa wkoll bħala LLC 'Krafttek' magħrufa wkoll bħala LLC 'Crafftech'	Indirizz: 196006, St. Petersburg, Vn. Ter. G, Moskovskaya Zastava Municipal District, Moskovsky Avenue, 120A, Building 1, Room 23-N, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 18.8.2015 Numru tar-reġistrazzjoni: 1157847282603 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7840038027 Sit web: https://crafttech.ru/ Tel: +7 812 622-89-89 Indirizz elettroniku: info@crafttech.ru	LLC 'Krafttek' hija integratur tas-sistemi u żviluppatur tas-software sinifikanti fir-Russja. Il-kumpanija hija responsabbli għan-negozjar ta' software bl-ingrossa kif ukoll għan-negozjar bl-ingrossa fit-tagħmir informatiku, fit-tagħmir tat-telekomunikazzjoni u f'tagħmir ieħor tal-uffiċċji. Fl-2024, id-data pubblika wriet li l-manifatturi militari Russi setgħu jużaw mikroċipep tal-Punent għall-produzzjoni ta' tagħmir militari. L-għodod u t-tagħmir meħtieġa biex jiġu mmanifatturati mikroċipep bħal dawn ġew importati minn LLC 'Krafttek' b'ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Minn meta ġew imposti l-miżuri restrittivi tal-Unjoni li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' mikroċipep u tagħmir għall-manifattura tal-mikroċipep lejn ir-Russja, LLC 'Krafttek' kienet involuta b'mod attiv fiċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-miżuri restrittivi billi aġixxiet bħala r-riċevitur ibbażat fir-Russja ta' oġġetti u teknoloġiji esportati illegalment. Għaldaqstant LLC 'Krafttek' hija entità li qed twettaq ċirkomvenzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni permezz ta' attivitajiet li għandhom l-għan jew ir-riżultat li jfixklu l-projbizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2014/512/PESK u tar-Regolament (UE) Nru 833/2014. Barra minn hekk LLC 'Krafttek', billi tforni komponenti lill-industrija Russa, qed tappoġġa lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
639.	Nayara Energy Limited	Indirizz: 5th Floor, Jet Airways Godrej BKC, Plot No. C-68 G Block, Bandra Kurla Complex, Bandra East, Mumbai – 400 051, Maharashtra, India Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: India Data tar-reġistrazzjoni: 11.9.1989 Numru ta' Identifikazzjoni Korporattiva (CIN): U11100GJ1989PLC032116	Nayara Energy Limited hija entità stabbilita fl-Indja u li topera raffinerija importanti f'Vadinar. Hija prinċipalment proprjetà ta' investituri Russi u kkontrollata minnhom, inkluż mill-kumpanija taż-żejt tal-Istat Russu Rosneft, li għandha 49 % mis-sjieda tal-kumpanija. Nayara Energy Limited hija raffinerija ewlenija ta' żejt mhux maħdum Russu. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk Nayara Energy hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
640.	ACE Electronic HK Co., Limited magħrufa wkoll bħala ACE (HK) Electronics Technology Co., Ltd	Indirizz: 18F Block B, World Trade Plaza, No. 9 Fuhong Road, Futian District, Shenzhen, People's Republic of China Indirizzi oħra: 9F International Technology Building No. 3007, Shennan Avenue, Futian District, Shenzhen, People's Republic of China; E2 Unit, 22/F Kingsway Industrial Building Phase II, 147-175 Wo Yi Hop Road, Kwai Chung, New Territories, Hong Kong; E2 Unit, 22/F Kingsway Industrial Building Phase II, 167-175 Wo Yi Hop Road, Kwai Chung, New Territories, Hong Kong; Room 1021, Bailey Commercial Centre, 87-105 Chatham Road South, Tsim Sha Tsui, Kowloon, Hong Kong; Unit 04 7/F Bright Way Tower, No. 33 Mong Kok Road, Kowloon, Hong Kong Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Hong Kong Numru tar-reġistrazzjoni tan-negozju: 69987857 Numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija: 2756979 Sit web: www.ace-chip.com Tel: +852 2638 7801 Indirizz elettroniku: sales@ace-chip.com	ACE Electronic HK Co., Limited (ACE Electronic) hija entità reġistrata f'Hong Kong li tforni komponenti elettroniċi lil industriji Russi, inkluż lill-industrija militari. Xi whud mis-sħab tal-kumpanija huma kumpaniji industrijali militari huma stess, bħal CJSC 'NPF "Micran"', li tipproduċi sistemi ta' kontroll tal-ġlied. Xi whud mis-sħab l-oħra tal-kumpanija, bħal LLC NPK Fotonika, jaġixxu bħala intermedjarji li jfornu komponenti lill-kumpaniji industrijali militari. Minħabba l-konsum għoli ta' prodotti militari, l-industrija militari tar-Russja tiddependi fuq l-importazzjonijiet ta' semikondutturi u komponenti elettroniċi oħra. Mill-impożizzjoni tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni li jipprojbixxu l-esportazzjoni ta' diversi komponenti elettroniċi lejn ir-Russja, ACE Electronic hija involuta b'mod attiv fil-forniment ta' komponenti elettroniċi lil riċevituri bbażati fir-Russja, inkluż apparati semikondutturi. Għalhekk ACE Electronic hija entità li tappoġġa materjalment lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja, inkluż billi tkun involuta fl-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-forniment ta' teknoloġija u tagħmir militari.	19.7.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
652.	Joint Stock Company AvtoVAZ bir-Russu: Акционерное общество ‘АВТОВАЗ’ magħrufa wkoll bħala JSC AvtoVAZ magħrufa wkoll bħala AvtoVAZ	Indirizz: 445024, Samara Region, Togliatti, Yuzhnoe highway (Southern highway) 36, Togliatti, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 5.1.1993, 23.9.2002 Numru tar-reġistrazzjoni: 1026301983113 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 6320002223 Tel: 8 800 700 52 32 Sit web: https://www.lada.ru/	JSC AvtoVAZ hija kumpanija Russa tal-manifattura tal-karozzi tal-Istat. Il-kumpanija ħolqot diviżjoni strutturali responsabbli għall-appoġġ tal-impjegati tagħha li jipparteċipaw fl-ħekk imsejħa ‘operazzjoni militari speċjali’ u l-familji tagħhom, billi toffrilhom benefiċċji. L-awtoritajiet Russi rrikonoxxew l-attenzjoni li toffri JSC AvtoVAZ lill-impjegati tagħha li ġġieldu fil-gwerra ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, u lill-membri tal-familji tagħhom. Il-kumpanija tat karozzi lill-ħaddiema tal-impjanti li ġġieldu fil-gwerra, u wieġħdet li tkopri l-ispejjeż tal-manutenzjoni għalihom. Għalhekk JSC AvtoVAZ qed tappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
661.	Limited Liability Company ‘Navitron’ magħrufa wkoll bħala LLC ‘Navitron’ magħrufa wkoll bħala OOO ‘Navitron’ magħrufa wkoll bħala Limited Liability Company NTLAB-SK magħrufa wkoll bħala NTLAB-SK LLC bir-Russu: ООО ‘Навитрон’ magħrufa wkoll bħala Общество с Ограниченной Ответственностью ‘НТЛАБ-СК’ magħrufa wkoll bħala ООО ‘НТЛАБ-СК’	Indirizz: 124498, Moscow, Zelenograd, pl Shokina, 1 str. 9, Russian Federation Tip ta’ entità: Kumpanija b’Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 30.4.2015 Numru tar-reġistrazzjoni: 1157746406971 Numru ta’ Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7710495287 KPP: 773501001 Indirizz elettroniku: ntlab@ntlab.com Tel: +7 (499) 532-45-81	LLC Navitron hija kumpanija Russa li topera fis-settur Russu tat-teknoloġija avvanzata. Tiżviluppa u tittestja ċipep tan-navigazzjoni bis-satellita għall-użu fl-industrija militari. LLC Navitron tikkoopera ma’ kumpaniji Russi li joperaw fis-settur militari industrijali. B’hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja u għall-iżvilupp tas-setturi tad-difiża u tas-sigurtà tagħha. Għalhekk LLC Navitron qed tappoġġa lill-kumpless militari u industrijali tar-Russja.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
663.	JSC 'Cheboksary Production Association named after V. I. Chapaev' bir-Russu: 'АО Чебоксарское производственное объединение им. В.И.Чапаева'	Indirizz: 428006, Chuvash Republic, Cheboksary, street Socialisticheskay, 1, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Data tar-reġistrazzjoni: 8.11.2011 Numru tar-reġistrazzjoni: 1112130014325 Indirizz elettroniku: oaochap@mail.ru Sit web: https://en.chapaew.ru/ Tel: +7 (8352) 396209	JSC 'Cheboksary Production Association named after V.I. Chapaev' hija kumpanija Russa li l-attività prinċipali tagħha hija l-produzzjoni ta' armi u tagħmir militari. Il-kumpanija hija fornitur ta' kumpaniji tad-difiża Russi u hija proprjetà ta' JSC 'Specchemistry', kumpanija soġġetta għal miżuri restrittivi tal-Unjoni għar-rwol tagħha fil-forniment tal-militar Russu. JSC 'Cheboksary Production Association named after V.I. Chapaev' hija eżekutur tal-Programm tal-Armamenti tal-Istati Russu u l-Ordni ta' Difiża tal-Istat. Għalhekk JSC 'Cheboksary Production Association named after V.I. Chapaev' tagħmel parti mill-kumpless militari u industrijali Russu, u qed tappoġġah materjalment.	23.10.2025
673.	Limited Liability Company 'Yadran-Group' magħrufa wkoll bħala LLC Yadran-Group magħrufa wkoll bħala 'Yadran Group' bir-Russu: Общество с ограниченной Ответственность 'Ядран-Групп'	Indirizz: Ostrovsky str., 67-403B, Kazan, Tatarstan, 420107, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 16.2.2016 Numru tar-reġistrazzjoni: 1161690067021	LLC Yadran-Group huwa konglomerat Russu stabbilit f'Tatarstan u prinċipalment attiv fis-settur taż-żejt, inkluż fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' żejt u prodotti taż-żejt. Is-settur taż-żejt huwa settur li jipprovdi dħul sostanzjali lill-Gvern Russu. Għalhekk LLC Yadran-Group huwa involut f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
680.	Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry magħrufa wkoll bħala AMAOCR	Indirizz: 4100, C.Expressway, Suite 881, Dallas TX 75204, United States of America Post tar-reġistrazzjoni: United States of America Tel: +1-7138370255 Indirizz elettroniku: registration@amaocr.org	Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry hija entità li tiddikjara li tipprovdi r-registrazzjoni ta' bastimenti taħt il-bandiera ta' Aruba li ma teżistix. Dik ir-reġistrazzjoni taħt il-bandiera falza ta' Aruba ngħatat lil erba' tankers taż-żejt li huma soġġetti għall-miżuri ristrettivi tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 b'rabta mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi mir-Russja waqt li wettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli. Dik ir-reġistrazzjoni taħt bandiera falza tagħti l-apparenza ta' ċertifikazzjoni, u b'hekk tippermetti li dawk il-bastimenti jibqgħu joperaw. Għalhekk Aruba Maritime Administration & Offshore Company Registry hija entità li tagħti appoġġ materjali lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.10.2025
681.	International Maritime Ship Registry	Indirizz: Office 986, 321-323 High Road, Chadwell Heath. Essex, RM6 6AX, United Kingdom Post tar-reġistrazzjoni: United Kingdom Tel: +447830670309	International Maritime Ship Registry hija entità li tiddikjara li tipprovdi r-registrazzjoni ta' bastimenti taħt il-bandiera ta' Curaçao. Dik ir-reġistrazzjoni taħt il-bandiera falza ta' Curaçao ngħatat lil żewġ tankers taż-żejt u tanker wieħed LNG soġġetti għall-miżuri ristrettivi tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 b'rabta mat-trasport ta' żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi mir-Russja waqt li wettaq prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli. Dik ir-reġistrazzjoni taħt bandiera falza tagħti l-apparenza ta' ċertifikazzjoni, u b'hekk tippermetti li dawk il-bastimenti jibqgħu joperaw. Għalhekk International Maritime Ship Registry hija entità li tagħti appoġġ materjali lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.10.2025

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
726.	Limited Liability Company Soglasie Insurance Company bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью Страховая компания 'Согласие' magħrufa wkoll bħala LLC Soglasie Insurance Company magħrufa wkoll bħala Soglasie Insurance CO. LTD magħrufa wkoll bħala Soglasie Insurance magħrufa wkoll bħala ООО СК 'СОГЛАСИЕ'	Indirizz: 42 Gilyarovskogo Str., 129110 Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 30.7.1999 Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700032700 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 7706196090	LLC Soglasie Insurance Company hija kumpanija tal-assigurazzjoni Russa. Hija assiguratur importanti ta' bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, u b'hekk tiffaċilita u tippermetti l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Is-settur tal-enerġija jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern Russu. Barra minn hekk LLC Soglasie Insurance Company tassigura bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum Russu, filwaqt li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Għalhekk LLC Soglasie Insurance Company hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. Hija tagħti wkoll appoġġ lil bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi li joriġinaw mir-Russja jew li jiġu esportati mir-Russja, filwaqt li jwettqu prattiki ta' tbaħħir irregolari u ta' riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
733.	Joint Stock Company 'Achinsk Refinery of the Eastern Oil Company' bir-Russu: Акционерное общество 'Ачинский Нефтеперерабатывающий Завод Восточной Нефтяной Компании' magħrufa wkoll bħala JSC 'Achinsk Refinery of the Eastern Oil Company' magħrufa wkoll bħala Achinsk Oil Refinery magħrufa wkoll bħala JSC 'ANPZ VNK'	Indirizz: Krasnoyarsk Territory, Bolsheuluisky District, Promzona Npz, p. 1, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 11.5.1993 Numru tar-reġistrazzjoni: 1022401153532 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 2443000518	JSC 'Achinsk Refinery of the Eastern Oil Company' hija entità Russa li tħaddem raffinerija taż-żejt fit-Territorju ta' Krasnoyarsk. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk JSC 'Achinsk Refinery of the Eastern Oil Company' hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026
740.	PJSC Slavneft-Megionneftegaz bir-Russu: ПАО 'Славнефть-Мегионнефтегаз' magħrufa wkoll bħala PJSC SN-MNG magħrufa wkoll bħala ПАО 'СН-МНГ'	Indirizz: 628684, Megion, Khanty-Mansiysk Autonomous District-Yugra, A. M. Kuzmin Street, b. 51, Russian Federation Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 8605003932 Tel: +7 (34643) 4-10-09 Sit web: https://sn-mng.ru/ Indirizz elettroniku: odo.sn-mng@gazprom-neft.ru	PJSC Slavneft-Megionneftegaz hija kumpanija Russa attiva fis-settur tal-enerġija. PJSC Slavneft-Megionneftegaz hija involuta fir-raffinar taż-żejt u tagħmel parti mill-istruttura ta' PJSC Slavneft. Is-settur tal-enerġija, speċjalment is-setturi taż-żejt u l-gass, jipprovdi sorsi sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk PJSC Slavneft-Megionneftegaz hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
753.	Limited Liability Company 'LUKOIL-Nizhnogorodneftegorgsetez' magħrufa wkoll bħala LLC 'LUKOIL-Novgorodnefteorgsintez' magħrufa wkoll bħala LLC 'Lukoil-Nizhny Novgorodnefteorgsintez' bir-Russu: Общество с ограниченной ответственностью 'Лукойл-Нижегороднефтеоргсинтез'	Indirizz: 607650, Nizhny Novgorod region, Kstovsky district, Kstovo city, Sh Central (Industrial R-N), d. 9, Russian Federation Tip ta' entità: Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 9.6.2008 Numru tar-reġistrazzjoni: 1085250002111 Numru ta' Identifikazzjoni tat-Taxxa: 5250043567	LLC 'LUKOIL-Nizhnogorodneftegorgsetez' hija entità Russa li topera raffinerija taż-żejt fir-reġjun ta' Nizhny Novgorod. Is-settur tal-enerġija, b'mod partikolari s-settur taż-żejt, huwa settur li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Għalhekk Limited Liability Company 'LUKOIL-Nizhnogorodneftegorgsetez' hija entità involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna.	23.4.2026
779.	Trans KA Tankers Management Company Limited	Indirizz: Daire 57, Denizciler İş Merkezi, Sahil Bulvari No.126, Aydıntepe Mah, Tuzla, Istanbul, 34947, Türkiye IMO: 1509747 Post prinċipali tan-negozju: Türkiye	Trans KA Tankers Management Company Limited hija kumpanija tat-tbaħħir ibbażata fit-Turkija u hija l-operatur kummerċjali tal-bastimenti Haci Kemal Ka, Lycia Ka u Sumer. Dawk il-bastimenti huma involuti fil-manipulazzjoni tas-Sistemi ta' Identifikazzjoni Awtomatika waqt li jġorru żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum esportati mir-Russja. Għalhekk, Trans KA Tankers Management Company Limited topera bastimenti li jittrasportaw żejt mhux maħdum jew prodotti tal-petroleum li jiġu esportati mir-Russja u tipprattika prattiki ta' trasport marittimu irregolari u b'riskju għoli kif stipulat fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-Assemblea Ġenerali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.	15.6.2026".